XEWKIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

## Is-SITT LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

31 t'Ottubru 2016

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi – Sindku
Domenic Zerafa – Viċi Sindku
Hubert Saliba – Kunsillier
Jeanelle ~~Azzopardi~~ Attard - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI
n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Odette Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### 55.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

55.1.1 Il-minuti tal-laqgħa 53 ġew approvati. Il-laqgħa b'urġenza 54 ġiet imħassra skond direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

### 55.2 Punti mqajjma mill-Minuti

55.2.1 Ma kien hemm ebda punti mqajma mill-minuti.

### 55.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-Kuntrattur tal-Bankini qed jagħmel l-bankini skond il-lista.

55.3.2 Is-Sindku informa lil preżenti li l-Kunsill irid jidħol hu responsabbli għal bozzoz ġodda. Kompla jgħid li għaddejjin diskussjonijiet mar-Reġjun t'Għawdex f'dan ir-rigward.

55.3.2 Is-Sindku talab lil A. Seg. Eżekuttiv biex tavviċina lil Green Pak sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt tal-ġbir ta' skart separat.

55.3.4 Is-Sindku nforma lil membri illi ir-rapport tal-ġemellaġġ biex jingabru l-fondi tal-*Europe for Citizens* għandu jiġi sottomess sa mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru 2016.

55.3.5 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-bejjiegħa tal-monti sabiex jibdew joperaw bin-negozju fi Triq Widnet il-Baħar. Is-Sindku talab lil A. Seg. Eżekuttiv sabiex tivverifika mad-Dipartiment għal Gvern Lokali x'inhi il-proċedura u kemm irid ikun il-ħlas lil Kunsill mill-bejjiegha. Il-Kunsilliera Jeanella Attard iproponiet li jsir avviż fuq il-bullettin.

55.3.6 Il-membri qablu li Fiori d'Argenta issir attivita' fil-festa ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann. Ukoll il-*musical* ta' talent lokali '*Rajtek tinbidel – ix-Xewkija tul iż-żminijiet)* isir f'Mejju kif hu propost li jsir u l-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-Iskema ta' Attivitajiet Kulturali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

55.3.7 Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li l-Karnival fix-Xewkija jiġi organizzat darba biss jiġifieri il-Ħadd, 26 ta' Frar 2017 fil-għodu. L-A. Seg. Eżekuttiv għandha tinforma b'dan lil Kumitat tal-Kultura.

55.3.8 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill ġabar 75% jiġifieri €25,000 fuq proġetti kapitali li kien il-proġett tal-latrina pubblika fi Pjazza San Gwann Battista. Il-25% ser jingħataw lil Kunsill fis-sena 2017.

55.3.9 Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi iltaqa' mal-Perit Mariella li ser tieħu ħsieb id-disinn għat-tisbiħ ta' Pjazza San Gwann Battista. Kompla jgħid illi kieku jitneħħa l-parkeġġ il-

pjazza tiġi ħafna isbaħ. Il-Viċi Sindku oppona għal dan. Il-Kunsillier Hubert Saliba propona li il-Perit tiltaqa' mal-Kunsill kollu sabiex tkun tista' tħejji disinn aħjar. Il-Kunsilliera Jeanella Attard staqsiet jekk il-Ministeru għal Għawdex hux ser jgħin fit-tisbiħ tal-Pjazza.* Is-Sindku propona li għandha issir kompetizzjoni bl-isbaħ *sketch* għat-tisbiħ tal-Pjazza u meta l-Kunsill jagħżel l-iktar disinn li jkun għoġbu, il-Perit tkun tista' taħdem fuqu. Il-membri qablu li mhux bil-fors għandu jintgħażel xi disinn li jiġi sottomess mill-kompetizzjoni. Is-Sindku talab lil A. Seg. Eżekuttiv sabiex tħejji regolamenti għal din il-kompetizzjoni.

## 55.4 Korrispondenza

55.4.1 Cirkulari 28/2016 – Applowdjar ta' dokumenti fuq sit www.lc.gov.mt
L-A. Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li skond it-tabella annessa l-Kunsill Lokali tax-Xewkija qiegħed *up-to-date.*

55.4.2 Cirkulari 29/2016 – Struzzjonijiet lill-Kunsill Lokali dwar Tilqim kontra l-Influenza
L-A. Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li applikaw 95 persuna mal-Kunsill għal din it-tilqima.

55.4.3 Cirkulari 30/2016 – Ilmenti mressqa quddiem servizz.gov

55.4.4 Cirkulari 31/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar Ordnijiet Permanenti.

55.4.5 Cirkulari 32/2016 – Petty Cash

55.4.6 Cirkulari 33/1016 – Assigurazzjoni tal-Assi.
Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat mal-Kumpanija ta' l-*insurance* li l-assigurazzjoni li qed iħallas il-Kunsill qedgħa skond din iċ-ċirkulari.

55.4.7 Cirkulari 34/2016 – Proċedura tal-Bye Laws u Checklist

55.4.8 Cirkulari 35/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities Literacy Projects at Local Level*
Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu sehem f'din l-inizjattiva flimkien ma' l-iskola għalhekk kopja ta' din iċ-ċirkulari għandha tintbgħat lil Kap ta' l-iskola Primarja tax-Xewkija.

55.4.9 Cirkulari 36/2016 – Templates Agenda u Minuti.

55.4.10 Direttiva 4/2016 – Direttivi dwar Xandir Soċjali *(Social Media)* fil-Kunsilli Lokali.

55.4.11 L-A. Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Eċċelenza Tagħha, il-President ta' Malta ser tibda' l-kampanja tal-MCCF b'quddiesa fil-Knisja tar-Rotunda nhar il-Ħadd, 27 ta' Novembru 2016 fit-8.30 ta' fil-għodu.

55.4.12 Risposta minn Transport Malta li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni sabiex issiru *Stop signs* u *give way* fi Triq Vjal il-Labour.

55.4.13 Risposta minn Transport Malta li t-talba tal-Kunsill għal *continuous White line* fi *Triq l-*

*Imgarr* ma' ġietx aċċettata.

55.4.14 Talba minn resident sabiex isiru l-*bollards* u jeħlu it-tabelli tan-*no entry* fis-Sqaq ta' ~~Manwala~~. Il-membri qablu li għandhom jeħlu t-tabelli tat-traffiku biss.

Triq Sansun

55.4.15 Talba minn resident sabiex issir *Stop sign* f'Ta' Gokk. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

55.4.16 Talba minn resident sabiex issir bankina fi Triq Torri Tinghi. Il-membri qablu li għandu jiġi ikkuntatjat ir-resident sabiex jekk inhi bankina ġdida issir talba mal-Gvern Centrali.

55.4.17 Talba minn resident fi Triq Santa Katerina sabiex issir ħadida taħt il-bankina peress li l-bankina qed ikissruhilha l-vetturi. Il-membri ma qablux peress li ikun qed imur kontra l-liġi.

55.4.18 Talba minn resident fi Triq Sant Indrija fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex titneħħa l-problema tal-ħamiem abbandunat. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu javviċina lil Dr Mario Spiteri ta' l-MSDEC fejn jitolbu l-għajnuna f'dan ir-rigward.

55.4.19 Rigward ittra mill-Av. Carmelo Galea għan-nom tal-Perit Clint Camilleri, il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob l-parir legali ta' l-Avukat tal-Kunsill Renata Formosa.

55.4.20 Talba mill-Kap ta' l-Iskola sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' tal-Milied għat-tfal ta' l-iskola. Il-membri qablu li l-attivitajiet tal-Milied għandhom jiġu organizzati.

55.4.21 Giet avviċinata l-A. Seg. Eżekuttiv mill-Kuntrattur Richard Cauchi sabiex isiru 3 bozzoz ġodda fi Triq tal-Gruwa fejn sar *shifting* ta' tlett arbli mill-Enemalta. Il-membri ma qablux li jsir dan u għalhekk qablu li għandha tinkiteb ittra lil Enemalta fejn tiġi infurmata illi qatt ma saru talbiet minn naħa tal-Kunsill sabiex jinbidlu l-arbli u għalhekk il-Kunsill mhux responsabli għas-*shifting*.

55.4.22 Rigward GCMS Kreattiv 2016 imneddija mir-Reġjun Għawdex. Il-membri qablu li s-Sur Mario Borg u Jeanella Attard għandhom ikunu l-protagonisti minn naħa tal-Kunsill tax-Xewkija.

55.4.23 Emejl mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ta direttiva lil Kunsill sabiex iwaqqaf il-proċeduri kollha biex jitqabbad Seg. Eżekuttiv ġdid.

55.4.24 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jordna plakka tal-perspex għal mal-latrini ta' Blankas sabiex jingħalaq il-proġett taħt M313.

55.4.25 Emejl mill-Customer Care fejn waslu talba ta' resident biex teħel bozza fi Triq is-Salib. Il-membri qablu li għandhom jintalbu il-veduti ta' l-Engineer tal-Kunsill f'dan ir-rigward u jiġi mistoqsi jistax il-Kunsill ikabbar il-*Wattage* tal-bozza eżistenti.

## 55.5 *Jum ix-Xewkija*

55.5.1 Il-membri qablu li Jum ix-Xewkija issir skond Dok A anness ma dawn il-minuti.

## 55.6 Uffiċċini ġodda tal-Kunsill

55.6.1 Is-Sindku nforma lil membri illi x-xogħol fuq il-binja ġdida tal-Kunsill kważi lest. Ippropna sabiex jiġi mqabbad il-Perit Stellini biex iħejji l-*ispecifications* għal ħruġ ta' kwotazzjoni tal-bibien ta' l-għeluq tal-post. Il-membri qablu. Is-Sindku talab sabiex terġa issir *reminder* rigward id-devoluzzjoni lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

## 55.7 Materji oħra

55.7.1 Il-Kunsilliera, Jeanelle Attard talbet sabiex jinqala' l-*playing field* tal-Ħamrija u jsir aċċessibli għal persuni b'disabilita'. Il-membri qablu li għandha ssir komunikazzjoni ma' l-uffiċċju tas-Seg. Parlamentari Justyne Caruana biex jiġi verifikat hemmx xi skema bħal l-iskema A+.

55.7.2 Il-Kunsillier, Hubert Saliba propona sabiex isir belvedere in-naħħa ta' wara tal-Barmil. Kompla jgħid illi dan ma sarx qabel peress li kien hemm biċċa għalqa li kienet għadha mhux devoluta lil Gvern. Il-membri qablu u għalhekk is-Sindku għandu jagħmel appuntament mal-Kuntrattur tal-Bankini sabiex jaraw x'xogħol hemm.

55.7.3 Il-Kunsillier, Hubert Saliba talab lil A. Seg. Eżekuttiv sabiex terġa tiġbed l-attenzjoni ta' Transport Malta illi fix-xita *it-traffic lights* ta' Triq l-Imġarr jaqilbu fuq id-dawl aħmar u jibqew hekk.

55.7.4 Is-Sindku talab lil A. Seg. Eżekuttiv tistaqsi lil Perit Stellini jekk kienx ħejja il-pjanta tas-*single yellow lines* li ġew proposti mill-Kunsill għal Triq San Zakkarija.

55.7.5 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab sabiex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fi Triq Indipendenza u Triq il-Mitħna. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li għandu jiġi proponut lil Transport Malta sabiex jiżdied sinjal tat-traffiku fin-nofs qabel taqbad ir-*round about* fi Triq Indipendenza.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

55.8.1 L-iskeda ta' pagamenti Nru 13-55 ġiet approvata u ffirmata.

## 55.9 Aġġornament

55.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' fil-għaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru 2016 fil-4.30 ta' fil-għaxija.

Konfermati, illum 18 ta' Novembru 2016

IFFIRMATA

Paul Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Odette Camilleri
A. Segretarju Eżekuttiv

XEWKIJA

# *Jum ix-Xewkija 2016*

**Is-Sibt, 26 ta' Novembru 2016**

**Fis-7.00pm -Inawgurazzjoni tal-latrini pubbliċi mis-Sindku u l-Onor. Stefan Buontempo fi Pjazza San Gwann Battista**

**Fis-7.30pm – Serata Kommemorattiva b'kunċert imtella' mill-Banda Prekursur. Waqt din is-serata jingħata il-premju 'Gieħ ix-Xewkija' u l-premju 'Hidmet iż-Żgħażagħ'. Jingħata ukoll rigal lit-tfal li pparteċipaw fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' l-iskola primarja tax-Xewkija kif ukoll għoti ta' logħob edukattiv għal istudenti ta' Kinder 1 u 2 li ħadu sehem fil-Kampanja Edukattiva favur l-Edukazzjoni Fi Snin Bikrija**

**Il-Ħadd, 27 ta' Novembru 2016**

**Fit-8.30am – Quddiesa għal Erwieħ kollha tal-parroċċa tax-Xewkija fejn ser tieħu sehem fil-quddiesa l-E.T President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca fejn ser issir ġabra speċjali b'risq il-Malta Community Chest Fund. Wara it-tqegħid tal-fjuri quddiem il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra (fejn il-Kappella tal-Ħniena). *Football Tournament* fil-ground tal-futbol tax-Xewkija organizzat mix-Xewkija Tigers FC**

**Dokument A**

Kunsill Lokali: Xewkija



## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 01/10/16 - 31/10/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Heritage Malta | €10.00 | €10.00 | D | FP | Gemellagg delegation visit to Ggantija Temples | 27-09-16 | 472 | | | | 12221 |
| 2 | Reno Rapa | €160.00 | €160.00 | D | FP | photo service Gemellagg & Fiori d'Argenta | 29-09-16 | 36 | | | | 12222 |
| 3 | BCD Graphics Ltd | €134.40 | €134.40 | D | FP | leaflet gemellagg | 21-09-16 | 6407 | | | | 12223 |
| 4 | Michael Refalo | €70.80 | €70.80 | D | FP | hire of mobile toilets for Gemellagg | 28-09-16 | 3339 | | | | 12224 |
| 5 | Donald Camilleri | €410.00 | €410.00 | D | FP | light setup gemellagg | 28-09-16 | 109 | | | | 12225 |
| 6 | Seguna Folklore Band | €200.00 | €200.00 | D | FP | entertainment BBQ Gemellagg | 01-10-16 | 117 | | | | 12226 |
| 7 | Joseph Bezzina | €150.00 | €150.00 | D | FP | filming & editing Gemellagg | 10-10-16 | 21 | | | | 12227 |
| 8 | Arka Respite Centre | €141.60 | €141.60 | D | FP | lunch for Gemellagg delegation | 10-10-16 | | | | | 12228 |
| 9 | ITS | €1,012.50 | €1,012.50 | D | FP | accomodation re Gemellagg | 03-10-16 | 2016/183 | | | | 12229 |
| 10 | Toolmart | €54.69 | €54.69 | D | FP | sundry material | 10-10-16 | 12271/93/88/89 | | | | 12230 |
| 11 | Go plc | €87.72 | €87.72 | K | FP | kont tat-telefon | 06-10-16 | 50892952 | | | | 12231 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,431.71** | **€2,431.71** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,431.71** | **€2,431.71** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 55

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data:** 01/10/16 - 31/10/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Public Cleansing Section | €555.95 | €555.95 | T | FP | Public Conv services August & Sept 2016 | 02-09-16 | 0039/0044 | | | | 12232 |
| 13 | KIP | €2,483.23 | €2,483.23 | T | FP | Refuse collection September 2016 | 30-09-16 | 21783 | | | | 12233 |
| 14 | Ozone Ltd | €114.02 | €114.02 | T | FP | Telephone bills September 2016 | 30-09-16 | 124162 | | | | 12234 |
| 15 | Galea Curmi Eng Cons | €88.40 | €88.40 | T | FP | contract management fee September 2016 | 01-10-16 | 4656 | | | | 12235 |
| 16 | Ceri Bryans | €225.00 | €225.00 | D | FP | Rodeo Bull hire Fiori d'Argenta | 29-08-16 | XLC29816 | | | | 12236 |
| 17 | Manuel Mercieca | €237.00 | €237.00 | D | FP | hiring of Chairs Gemellagg | 29-09-16 | 325/324 | | | | 12237 |
| 18 | Philip Pisani | €465.00 | €465.00 | K | FP | hire of truck October 2016 | 31-10-16 | 8955 | | | | 12238 |
| 19 | Joseph Vella | €818.95 | €818.95 | D | FP | bbq fi Gnien Blankas Gemellagg | 21-10-16 | | | | | 12239 |
| 20 | Gozo Arts | €27.00 | €27.00 | D | FP | frame for gemellagg | 08-10-16 | A1413 | | | | 12240 |
| 21 | Parker Randall Turner | €250.75 | €250.75 | T | FP | Accountancy service August 2016 | 04-10-16 | 601009 | | | | 12241 |
| 22 | Monica Mercieca | €352.69 | €352.69 | D | FP | Librarian Services September 2016 | 29-09-16 | | | | | 12242 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,617.99** | **€5,617.99** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€2,431.71** | **€2,431.71** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€8,049.70** | **€8,049.70** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 55

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Xewkija**

**Skeda Nru. 13-55**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data:** 01/10/16 - 31/10/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Gardina | €20.00 | €20.00 | D | FP | bukkett fjuri ghal omm kunsillier | 12-10-16 | 11699 | | | | 12243 |
| 24 | Teddy Mizzi | €448.00 | €448.00 | D | FP | purchase of books 'Rotunda' | 14-10-16 | | | | | 12244 |
| 25 | Jacqueline Refalo | €80.00 | €80.00 | D | FP | services September 2016 | 08-10-16 | | | | | 12245 |
| 26 | Anthony Grech | €180.00 | €180.00 | D | FP | Kors fotografija - summer course | 17-10-16 | | | | | 12246 |
| 27 | Mario Zammit | €56.00 | €56.00 | D | FP | sundry material | 18-10-16 | | | | | 12247 |
| 28 | Xewkija Tigers FC | €923.81 | €923.81 | T | FP | Street sweeping September 2016 | 18-10-16 | XEW057 | | | | 12248 |
| 29 | NU Aluminioum | € 915.73 | € 915.73 | D | FP | Xoghlijiet Public Toilets | 03-04-16 | 12920701 | | | | 12249 |
| 30 | ESS | €1,709.45 | €1,709.45 | K | FP | electric LED & supplies | 26-09-16 | 201597/203195 | | | | 12250 |
| 31 | Ghaqda Dilettanti Nar | €150.00 | €150.00 | D | FP | Fireworks Gemellagg | 24-09-16 | | | | | 12251 |
| 32 | Ghaqda Armar Xewkija | €400.00 | €400.00 | D | FP | Green Pak Services | 29-09-16 | | | | | 12252 |
| 33 | Shaun Micallef | €300.00 | €300.00 | D | FP | Restawr mili ta' applikazzjoni DLG | 22-10-16 | | | | | 12253 |
| 34 | Gozo Express | €63.72 | €63.72 | D | FP | courier services | 30-09-16 | 831863/830307 | | | | 12254 |
| 35 | Petty Cash | €230.00 | €230.00 | | | Petty Cash Transfer | 31-10-16 | | | | | 12255 |
| 36 | Hilite | €51.95 | €51.95 | D | FP | sundry material | 05-10-16 | 7612/17/05/55/96 | | | | 12256 |
| 37 | Maltapost plc | €26.00 | €26.00 | D | FP | postage stamps | 24-10-16 | | | | | 12257 |
| 38 | Maltapost | €25.00 | €25.00 | D | FP | bulk posting re: leaflet collection of waste | 24-10-16 | | | | | 12258 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,579.66** | **€5,579.66** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€8,049.70** | **€8,049.70** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€13,629.36** | **€13,629.36** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 55

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier — Kunsillier

**Kunsill Lokali Xewkija** **Skeda Nru 13-55**

**Data: 01/10/2016 - 31/10/2016**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Empl;oyee 1 | €482.38 | €482.38 | | FP | honoraria October 2016 | 28-10-16 | | | | | 12259 |
| 40 | Employee 2 | €1,640.85 | €1,640.85 | | FP | Salary October 2016 | 28-10-16 | | | | | 12260 |
| 41 | Employee 3 | €1,314.65 | €1,314.65 | | FP | Salary October 2016 | 28-10-16 | | | | | 12261 |
| 42 | Employee 4 | €285.71 | €285.71 | | FP | Salary October 2016 | 28-10-16 | | | | | 12262 |
| 43 | CIR | €1,589.40 | €1,589.40 | | FP | contributions October 2016 | 28-10-16 | | | | | 12263 |
| 44 | Waste Serv | €1,806.48 | €1,321.84 | D | FP | tipping fees September 2016 | 01-10-16 | | | | | 12264 |
| 45 | ARMS Ltd | €313.23 | €313.23 | D | FP | electricity bills Gnien ta' Blankas. Ta' Gokk | 03-11-16 | | | | | 12265 |
| 46 | Strand Electronics Ltd | €36.58 | €36.58 | T | FP | service photocopier | 28-11-16 | 346434 | | | | 12266 |
| 47 | St John Food Store | €29.92 | €29.92 | D | FP | Supplies | 21-10-16 | 1896 | | | | 12267 |
| 48 | Anthony Xuereb | €390.00 | €390.00 | K | FP | bulky refuse October 2016 | 31-10-16 | 10/2016 | | | | 12268 |
| | | | | | FP | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,889.20** | **€7,404.56** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,629.36** | **€13,629.36** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,518.56** | **€21,033.92** | | | | | | | | | |

Sindku                Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier                Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 55

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**